MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**ONOR. IMHALLEF**
**RAYMOND C. PACE**

Seduta tal-31 ta' Mejju, 2012

Appell Civili Numru. 14/2011

**Rachel Bugeja**

**vs**

**PSG Limited bhala operatur tal-lukanda Metropole Hotel**

**Il-Qorti,**

## I. PRELIMINARI.

Illi fl-13 ta' Mejju 2011 it-Tribunal Industrijali ppronunzja s-segwenti decizjoni fl-ismijiet premessi: -

*"Illi r-rikorrenti talbet lil dan it-Tribunal jiddeciedi li t-terminazzjoni tal-impjieg taghha minn mas-socjeta` intimata ma saritx ghal raguni valida skont il-ligi.*

*Da parti taghha, is-socjeta' intimata ggustifikat l-azzjoni taghha stante li l-kariga taghha giet abolita u giet dikjarata 'redundant' minhabba ragunijiet finanzjarji.*

***PROVI***

*Illi r-rikorrenti xehdet li kienet tahdem bhala Duty Manager ghal diversi snin. Harget tqila, waqfet ghal leave tal-maternita' u rritornat ghax-xoghol. Giet infurmata b'kondizzjonijiet godda inkluz nomenklatura gdida, sieghat u paga u saret Evening Duty Manager. Gie allegat li kien hemm 'break of service'. Kienet sena hazina ghat-turizmu u l-principal tterminalha l-impjieg a bazi ta 'redundancy'.*

*Is-socjeta' intimata allegat li gie kkrejat il-post apposta ghar-rikorrenti. Wara li kellha t-tarbija, setghet tahdem biss bil-lejl. Dana wara li kien hemm 'break of service', billi ma hadmitx sittax (16)-il gurnata u dana minghajr awtorizazzjoni. Peress li s-sitwazzjoni tal-kumpanija kienet prekarja, ittiehdu mizuri biex jitnaqqsu l-ispejjes fosthom li gie abolit il-post taghha, xogholha tqassam fuq nies ohra, u ghalhekk ma kienx hemm bzonn aktar taghha.*

***KONSIDERAZZJONIJIET***

*Illi una volta l-principal jallega l-gustifikazzjoni tat-terminazzjoni tal-impjieg, isegwi li huwa d-dover tieghu li jipprova r-raguni tat-terminazzjoni. Din hija l-prassi normali applikata f'proceduri simili.*

*Issir riferenza f'dan is-sens ghal decizjonijiet u awturi indikati fil-kazijiet "Stephen Muscat vs Armstrong Co Ltd" u "Mario Psaila vs Melita Pic" decizi minn dan it-Tribunal. Il-kazijiet hemm citati u l-istess zewg riferenzi jaghtu stampa cara ta' kif japplika l-principju ta' 'redundancy'.*

*Illi t-Tribunal ma jistax ma jikkommendax lis-socjeta' intimata fuq 'family friendy measures' adottati minnha fil-konfront tar-rikorrenti. Pero' dawn ma kellhomx ghalfejn jigu applikati a skapitu taghha stess.*

*Di fatti jirrizulta li d-diverbju inqala' meta r-rikorrenti applikat biex tiehu l-'maternity leave' (vide xhieda tar-rikorrenti u ta' Anthony Gatt). Meta rritornat lura ghax-xoghol, sabet ruhha rinfaccjata b'kariga gdida.*

*Wiehed jikkonstata l-animus tal-principal in vista li dina l-posizzjoni novattiva giet ikkrejata appositament ghaliha wara allegat interruzzjoni tas-servizz moghti mir-rikorrenti lil principal. Dan l-istat ta' fatt huwa ferm importanti stante li meta giet invokata t-terminazzjoni rrizulta li donnu kienet qieghda f'impjieg gdid. Li gara kien li kien ghad fadalha l-leave taghha x' tiehu u hekk ghamlet.*

*Dan kien fis-sena elfejn u hamsa (2005). Fis-snin sussegwenti, elfejn u sitta u elfejn u sebgha (2006 / 2007) is-suq tat-turizmu ha daqqa ferm qawwija l' isfel. Kellhom jittiehdu passi drastici ta' ekonomija. Wiehed minnhom kien li jittrasferixxi d-doveri u mansjonijiet taghha lil impjegati ohra, b'konsegwenza li ma kellix xoghol aktar x' taghmel u giet dikjarata 'redundant'.*

*Mil-lat finanzjarju, is-socjeta' intimata ma kienet konvincenti xejn. La Anthony Gatt u lanqas Raymond Fonk ma indikaw passi liema ittiehdu biex jirregolaw is-sitwazzjoni. Sempliciment tkecciet ir-rikorrenti u xejn aktar? Hija biss kienet ta' piz zejjed fuq il-kumpanija? Bit-tkeccija taghha l-kumpanija hadet ir-ruh?*

*Jirrizulta li wara li kienet giet impjegata r-rikorrenti gew assunti diversi persuni ohra, fosthom Freddie Attard bhala Manager u Monique bhala Personal Assistant. L-argument tal-principal huwa li r-rikorrenti bdiet l-impjieg taghha f'Settembru 2005.*

*Dana gie negat mir-rikorrenti u mix-xhieda ta' Vincent Cipriott (vide xhieda 17/7/09) u Jennifer Debono in rapprezentanza tal-ETC (17/7/09) jirrizulta li l-impjieg taghha kien regolarment kontinwu. Qatt ma gie registrat u/jew innotat xi interruzzjoni fis-servizz taghha.*

*Una volta ma kienx hemm din l-interuzzjoni allura l-principal naqas li japplika l-principju ta' 'last in first out'. Aktar u aktar meta, kif jirrizulta f'pagna 4 tan-nota ta' sottomissjonijiet tas-socjeta' intimata u d-dikjarazzjoni guramentata tal-istess Anthony Gatt, xoghol ir-rikorrenti gie mehud lilha u mghoddi lil impjegati ohra.*

*Dan ifisser li d-doveri taghha kienu ghandhom jezistu u mehtiega u mhux sempliciment ma kienx hemm xoghol ghalija, jew almenu x-xoghol taghha naqas b'tali mod u manjiera li ggustifikaw in-non-necessita` tal-post taghha. Is-sitwazzjoni giet awto-krejata mill-principal innifsu.*

*Ma naqasx ix-xoghol u ghalhekk ma kellhux bzonn aktar ta' certu numru ta' haddiema. Ha x-xoghol taghha, qassmu fuq ohrajn u allura ma kellux bzonn aktar taghha. Fuq skorta ta' sentenzi Inglizi, l-awtur Ingliz Norman Selwyn (Law of Employment) 15th Edition jghid (a Fol 464) "illi tkeccija ta' impjegat ghandha tkun attribwibbli ghal dimunizjoni tar-rikjesti tal-principal ghal haddiema." Dana mhux il-kaz in dezamina. Il-principal ma kellhux bzonnha aktar ghax ix-xoghol taghha hadulha biex tah lil haddiema ohra mhux fl-istess post taghha u mhux ghax ma kellux xoghol ghaliha.*

*Bdew jaghmluh Felix Cassar - Maintenance Manager, Alfred Attard - Duty Manager, Mark Taylor - Operations Manager. Kif xehed ukoll fl-istess seduta tal-hamsa u ghoxrin (25) ta' April 2008 Raymond Fonk - Accounts Manager, 'l-accumulated losses' kienu ta' zewg hotels - inkluz Raphael Spinola - tal-Metropole kien sebghin elf Liri Maltin (Lm70,000) fis-sena elfejn u sebgha (2,007) li pero` gew irkuprati sal-ahhar tas-sena.*

*Tenut kont b' mod globali ta' dawn ic-cirkstanzi kollha kif suesposti bazati fuq ir-ragunijiet promossi mis-socjeta' intimata biex tiggustifika t-terminazzjoni tal-impjieg tar-rikorrenti, jirrizulta lit-Tribunal fuq il-provi u dokumenti prodotti mill-partijiet li l-istess socjeta' ma kenitx xejn konvincenti. Ippruvat taddebita ragunijiet ghal gustifikazzjoni li setghu kienu ancillari u mhux principali. Principal jista' jittermina impjieg ta' impjegat tieghu, sia ghal raguni gusta u sia ghal raguni mhux gusta. F'dan il-kaz tal-ahhar pero' ikun hemm konsegwenzi kif stabbilit fil-Kap 452, Art 81 (1) (2).*

*Illi wara li ra <u>l-Art 81 (1) (a) (b)</u> mhux il-kaz li r-rikorrenti jerga' tiddahhal ghax-xoghol. Wara li ra li <u>l-Art 81 (2) (a)</u> u kkonsidera c-cirkostanzi kollha tal-kaz, it-Tribunal ihoss li*

*kumpens gust ghandu jkun fis-somma ta' hmistax il-elf ewro (€15,000).*

***<u>KONKLUZJONI</u>***

*Illi t-Tribunal jaqta' u jiddeciedi li t-terminazzjoni tal-impjieg minn mas-socjeta' intimata ma saritx ghal raguni gusta u tikkundanna lis-socjeta' intimata thallas is-somma ta' hmistax il-elf ewro (€15,000) bhala kumpens lill-istess rikorrenti.*

*Drittijiet jigu ntaxxati fis-somma ta' hamsa u tmenin ewro (€85)."*

Rat ir-rikors tal-appell tas-socjeta` PSG Limited (C 19590) datat 25 ta' Mejju 2011 fejn talbet lill-Qorti sabiex *in vista* tal-aggravji minnha mressqa tilqa' l-appell taghha u dan billi tirrevoka u thassar is-sentenza appellata u tilqa' l-eccezzjonijiet tas-socjeta` appellanti, bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontra r-rikorrenti appellata.

Rat ir-risposta ta' Rachel Bugeja datata 10 ta' Gunju 2011 a fol. 6 tal-process fejn sostniet ghar-ragunjiet hemm indikati li d-decizjoni tat-Tribubal Industrijali hija gusta u timmerita konferma u ghalhekk l-appell interpost ghandu jigi michud.

Rat li dan l-appell kien appuntat ghas-smigh ghas-seduta tas-6 ta' Dicembru 2011.

Rat il-verbal tas-seduta mizmuma fis-6 ta' Dicembru 2011 fejn meta ssejjah l-appell deher Dr. Ian Spiteri Bailey ghall-appellata prezenti, u Dr. Simon Galea Testaferrata ghas-socjeta` appellanti rapprezentata minn Anthony Gatt. Id-difensuri trattaw il-kaz. L-appell gie differit ghas-sentenza ghall-31 ta' Mejju 2012.

Rat l-atti kollha tal-istess kawza inkluz id-decizjoni tat-Tribunal Industrijali fl-ismijiet premessi datata 13 ta' Mejju 2011.

Rat id-dokumenti esebiti.

Rat l-atti kollha l-ohra tal-kawza.

## <u>II. KONSIDERAZZJONIJIET.</u>

Illi l-appellant isostni li d-decizjoni injorat (a) li kien hemm *“break in employment”* li gie injorat mit-Tribunal Industrijali (Tribunal) ghaliex meta l-appellata rritornat ghax-xoghol fuq insistenza taghha biex tahdem f’hinijiet differenti inghata xoghol gdid u l-ahjar prova f’dan il-kuntest kien il-kuntratt (Dok. “AG 1” u Dok. “AG”) u mhux ir-registrazzjoni tax-xoghol mal-ETC u allura la darba kien hemm dan l-impjieg gdid it-terminazzjoni minn impjieg gdid kienet gustifikata a bazi ta’ *redundancy* u allura gie segwit il-principju ta’ *last in first out* in kwantu r-rikorrenti kienet l-ahhar wahda fil-kariga; (b) il-principju ta’ *last in first out* gie segwit peress li dan huwa bbazat fuq id-data tal-impjieg il-gdid ta’ *Evening Duty Manager* f’Ottubru 2005 u ghalhekk il-persuni li dahlu jahdmu bejn id-dati ta’ l-ewwel impjieg u t-tieni impjieg huma rrelevanti ghaliex dak li huwa relevanti huma l-persuni li dahlu jahdmu wara d-data tat-tieni impjieg fi rwol manigerjali; (c) dwar il-kumpens ordnat ma hemm ebda motivazzjoni ghall-istess sabiex ma jirrizultax kif it-Tribunal wasal ghall-istess somma.

Illi dwar l-ewwel punt dan huwa fil-fatt apprezzament ta’ fatt da parte tal-istess Tribunal Industrijali u bhala tali ma huwiex suggett ta’ appell skond id-disposizzjonijiet tal-**artikolu 82 (3) Tal-Kap. 452** li jipprovdi li fuq decizjoni dwar allegata tkeccija ngusta hemm appell fuq punt ta’ dritt biss u hawn issir riferenza ghas-sentenzi **“Peter Spiteri vs Xeureb Glass Co. Limited”** (A.I.C. (PS) – 10 ta’ Ottubru 2005); **“Kenneth Vella vs SeaBank Catering Co. Limited”** (A.I.C. (PS) – 23 ta’ Mejju 2008) u **“Peter Spiteri vs Xeureb Glass Co. Limited”** (A.I.C. (PS) – 10 ta’ Ottubru 2005) fejn inghad li l-apprezzament ta’ fatt huwa mholli b’mod esklussiv fil-kompetenza ta’ l-istess Tribunal u ghalhekk id-decizjonijiet tat-Tribunal ghal dak li huma kwlstjonijiet u konkluzjonijiet ta’ fatt huma finali u ma jistghux jigu riveduti jew censurati minn din il-Qorti. Fuq din il-bazi biss dan l-aggravju qed jigi respint.

Illi apparti minn dan, anke jekk jigi ikkunsidrat fattwalment dan l-aggravju, il-provi prodotti juru li l-appellata kienet impjegata mas-socjeta’ appellanti mid-data tal-24 t’April 2000 bhala *Duty Manager*, harget on leave u meta irritornat fl-istess impjieg hija bdiet tokkupa posizzjoni gdida izda mhux impjieg gdid u allura f’dan il-kuntest ir-registrazzjoni mal-ETC li turi impjieg kontinwu taghha mas-socjeta’ appellanti hija ta’ relevanza vitali tant li hija kienet u baqghet fil-post bhala *Duty Manager* u kien biss meta gie terminat l-impjieg taghha fid-9 ta’ Mejju 2007 li l-post taghha gie ndikat bhala dak ta’ *Permanent Evening Duty Manager* u ghalhekk dan l-ewwel aggravju anke fuq dan il bazi qed jigi rigettat.

Illi dwar it-tieni aggravju konsegwentement anke ta’ dak hawn deciz qed jigi wkoll respint u dan ghaliex la darba qed jigi kkonfermat bhala fatt li kien hemm kontinwita’ ta’ impjieg mis-sena 2000 sas-sena 2007 u wkoll li la darba kien hemm persuni ohra li dahlu warajha fil-post ta’ Manager mela allura anke kieku kellu jigu koncess li dan kien kaz ta’ *redundancy* ,il-principju ta’ *last in first out* ma giex sewgit.

Illi fuq kollox pero’ jinghad ukoll li kif jidher mid-decizjoni tat-Tribunal li l-kaz ma kienx gie accettat bhala terminazzjoni ta’ impjieg minhabba *redundancy* anzi t-Tribunal ikkonsidra li dan ma kienx kaz ta’ *redundancy* ghaliex ix-xoghol taghha kien ghadu jezisti u kull ma gara kien li dan l-istess xoghol li l-appellata kienet taghmel inghata lill haddiehor u kif sostna t-Tribunal *“Dan ifisser li d-doveri taghha kienu ghandhom jezistu u mehtiega u mhux sempliciment ma kienx hemm xoghol ghalija, jew almenu x-xoghol taghha naqas b’tali mod u manjiera li ggustifikaw in-non-necessita` tal-post taghha. Is-sitwazzjoni giet awto-krejata mill-principal innifsu”.*

*“Ma naqasx ix-xoghol u ghalhekk ma kellhux bzonn aktar ta’ certu numru ta’ haddiema. Ha x-xoghol taghha, qassmu fuq ohrajn u allura ma kellux bzonn aktar taghha. Fuq skorta ta’ sentenzi Inglizi, l-awtur Ingliz Norman Selwyn (Law of Employment) 15th Edition jghid (a Fol 464)*

*"illi tkeccija ta' impjegat ghandha tkun attribwibbli ghal dimunizjoni tar-rikjesti tal-principal ghal haddiema." Dana mhux il-kaz in dezamina. II-principal ma kellhux bzonnha aktar ghax ix-xoghol taghha hadulha biex tah lil haddiema ohra mhux fl-istess post taghha u mhux ghax ma kellux xoghol ghaliha".*

Illi mela allura huwa car li t-Tribunal qatt ma ikkonsidra li dan huwa kaz ta' *redundancy* izda ta' tkeccija ngusta, u sabiex wasal ghal dan, jirrizulta li d-decizjoni tat-Tribunal hadet in konsiderazzjoni li ghalkemm ma hemmx tifsira ta' *redundancy* fil-ligi, jirrizulta li l-Ligi Maltija segwiet it-tifsira Ngliza ghall-istess u din tidher tikkonsisti f'dak li gie citat fis-sentenzi fl-ismijiet **"Remi Armeni vs Francis Busuttil & Sons Limited"** (A.I.C. (RCP) – 28 ta' Gunju 2011) u **"Alessandra Theuma vs Alfred Mangion et"** (A.I.C. – 23 ta' Mejju 2008) fejn gie affermat li -

*"Fuq din il-materja ta' redundancy jidher li l-kazizistika tal-Qrati Inglizi stabbilit dawn il-linji gwida, u cjoe':-*

*(a) was the employee dismissed;*

*(b) If so, had the requirements of the business for the employees to carry out the work of a particular kind ceased or diminished (or were expected to do so)?*

*(c) If so, was the dismissal caused wholly or mainly by that state of affairs".*

*"Tissokta tirritjeni s-sentenza "**Safe Stores plc vs Burrell"** (1997) li l-minnha l-precitat kweziti ttiehdu, illi taht punt (b) l-element krucjali hu dak jekk verament kien hemm tnaqqis fil-business requirements di fronte ghall impjegat. Espicitament, tesprimi "in deciding that, tribunals should not introduce "a contract test" whereby they just considered the specific tasks the applicant was employed for". Illi wkoll f'din l-istess linja ta' hsieb is-sentenza **"Shawkat vs Nottingham Hospital NHS Trust"** u ghall certu sens, mhux lanqas 'il-boghod minnhom, id-decizjonijiet ta' din il-Qorti fl-ismijiet **"Victoria Spiteri vs St. Catherine's High School"** (18 ta' Ottubru 2006) u*

***“John Bartolo vs International Machinery Limited”** (9 ta’Mejju 2007”.*

Illi dak li gara f’dan il-kaz huwa li x-xoghol tal-appellata gie moghti u maqsum bejn u lill-impjegati ohra u allura kif sostna sew it-Tribunal Industrijali dan ma kienx kaz ta’ *redundancy* ghaliex ix-xoghol li kienet qed taghmel baqa’ bzonnjuz, u dak li gara huwa li s-socjeta’ appellanti tat l-istess xoghol lill-impjegati ohra taghha u allura ddeciediet li titterminalha x-xoghol taghha, mhux ghaliex ma kienx hemm bzonn ix-xoghol taghha, izda minhabba is-sitwazzjoni li giet awto-krejata mill-principal innifsu kif jinghad bl-iktar mod esplicitu u skjett fid-decizjoni tat-Tribunal.

Illi dan il-punt ta’ nuqqas ta’ prova ta’ *redundancy* li t-Tribunal irretjena huwa fuq kollox mankanti mill-konsiderazzjonijiet li ghamlet is-socjeta’ appellanti sabiex issostni l-aggravji taghha u dan fl-opinjoni ta’ din il-Qorti huwa nuqqas gravi tant li daghjjef mhux ftit l-appell tas-socjeta’ appellanti u tirrendi l-istess mhux sostenibbli u wisq inqas lejali ghall-procediment gudizzjarju, ghaliex fuq kollox ghandhu u kellhu jinghad li t-Tribunal irrigetta l-allegazzjoni ta’ *redundancy* vantata mis-socjeta’ appellanti. Ghalhekk anke dan l-aggravju qed jigi respint.

Illi dwar it-tielet aggravju jinghad li sabiex wasal ghall tali ammont l-istess Tribunal irrefera ghall dak li jipprovdi l-**artikolu 81 (2) (a) tal-Kap. 452** li jipprovdi li *“meta jistabilixi l-ammont it-Tribunal ghandu jqis id-danni reali u telfien li jkun bata l-haddiem li jkun gie mkecci minghajr kawza gusta kif ukoll cirkostanzi ohra, inkluz l-eta’ u s-snajja tal-haddiem li jistghu jaffetwaw il-potenzjal ta’ impjieg ta’ dak il-haddiem”* u allura kien fuq din il-bazi u fic-cirkostanzi kollha tal-kaz inkluz li l-appellata baqghet bla impjieg ghal zmien twil u fatturi ohra rilevati mill-appelata anke fis-sottomissjonijiet taghha quddiem it-Tribunal li jidher li l-istess Tribunal ikkonsidra li tali kumpens gie ifissat u allura la dan sar skond il-ligi ma jistax jinghad li tali fissazzjoni ta’ kumpens ma kienitx motivata u la darba dan huwa legalment korrett ma huwiex il-kaz li tali fissazzjoni ta’ kumpens tigi sindikata

minn din il-Qorti u dan ghar-ragunijiet ben esposti fis-sentenza **“Saviour Sammut vs Autosales Limited”** (A.I.C. (PS) – 19 ta’ Mejju 2005).

B’hekk anke dan l-aggravju qed jigi respint u allura l-appell odjern qed jigi michud ghaliex infondat kif hawn deciz.

## III. KONKLUZJONI.

Illi ghalhekk ghal dawn il-motivi, din il-Qorti, **taqta’ u tiddeciedi,** billi fil-waqt li tilqa’ r-risposta tal-appellata datata 10 ta’ Gunju 2011 biss in kwantu l-istess hija konsistenti ma’ dak hawn deciz, **tichad l-appell interpost mis-socjeta’ appellanti PSG Limited fir-rikors tal-appell taghha datat 25 ta’ Mejju 2011 ghaliex huwa nfondat fil-fatt u fid-dritt ghar-ragunijiet hawn decizi, b’dan li din il-Qorti qed tikkonferma d-decizjoni tat-Tribunal Industrijali fl-ismijiet “Rachel Bugeja vs PSG Limited bhala operatur tal-lukanda Metropole” (Decizjoni Numru 2075/JB) datata 13 ta’ Mejju 2011 (Kaz Numru 2522/JB) ghall-finijiet u effetti kollha tal-Ligi.**

**Bl-ispejjez kollha kontra s-socjeta’ appellanti PSG Limited bhala operatur tal-lukanda Metropole.**

**Moqrija.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------